## 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 28

IL-ĠIMGĦA 21 TA' NOVEMBRU 2014 FIS-6.00 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ŻAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| PAUL PACE | Ex-AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

### SKUŻAT

| | |
|---|---|
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

**1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tas-seduta no. 27 gew moqrija u approvati uninament fejn wara ġew iffirmati mis-Sindku Max Żammit u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace.

**7 Tender dwar *Embellishment* ta' *soft areas***

Is-Sindku qal li l-offerta unika ta' Deluxe Construction Co. Ltd. ġiet aktar għalja mill-istima tal-Perit b'madwar Eur30,000.

Is-Sur Paul Pace qal li peress li hemm tenderer wieħed biss, il-Kunsill Lokali jista' jinnegozja *discount* f'dan il-każ.

T Castelletti saqsa jekk nistgħux noħorgu tender ġdid f'dan il-każ. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb fil-pożittiv, iżda ikkumenta li il-Kunsill jista jitlob *discount* ukoll biex b'hekk ma jintilifx żmien.

G Muscat qal li nistgħu niċċekjaw kemm għamel xogħol simili. P Pace qal li nistgħu insaqsuh f'laqgħa, fejn apparti li niddiskutu il-proġett, inkunu nistgħu naraw mal-Perit fuq *discount* u anke fuq xogħlijiet li dan il-kuntrattur diġa għamel.

Is-Sindku qal li hu ġie bil-ħsieb li jinħareg tender ġdid, imma jekk ninegozjaw, nistgħu nerbħu l-ħin, minflok noħorgu tender ġdid.

G Muscat qal li fil-budget il-Ministru tal-Finanzi semma li ser jgħamel xi xogħlijiet fil-Housing Estates, u forsi dawn il-fondi jistgħu jintużaw fuq bankini f'Ta' Xbiex l-antika. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa alloka dawn il-fondi għal-Housing Estate, u ma jixtieqx itawwal aktar fuq dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel li issir laqgħa mat-*tenderer* biex jiġi negozjat prezz irħas u fl-istess ħin il-kuntrattur iġib lista ta' xogħlijiet fejn ħadem. Il-Kunsill għandu jiddeciedi fil-laqgħa ta' wara fuq l-aġġudikazzjoni ta' dan it-tender.

**2 Laqgħa mal-GreenMT**

Għal din il-laqgħa kienu mistiedna d-Direttur ta' GreenMT fejn taw spjegazzjoni lill-Kunsill ta' l-ammonti li qegħdin jiġu riċiklati, hekk kif ukoll ġew diskussi materji pendenti, fosthom ħlasijiet dovuti mill-kumpanija lill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku qal li flimkien ma' P Pace kien diġa ltaqa mal-kumpanija fejn il-kwistjoni ta' pagamenti pendent kienet diġa ġiet diskussa. Is-Sindku qal li GreenMT mhux jonoraw din il-parti tal-ftehim li jħallsu il-miżata ta' kull xahar lill-Kunsill.

T Castelletti qal li hu mdejjaq li mhux jitħallas il-Kunsill, imma ix-xogħol ma għandux xi jgerger fuqu.

Is-Sindku qal li l-pagamenti lill-Kunsill għandhom jiġu affettwati mingħajr aktar dewmien. Huwa qal ukoll li jinkwieta meta jara Kunsilli oħra jeqilbu mal-GreenPAK, peress li jemmnu li ser jirċievu servizz aħjar.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-problemi jistgħu jiġu solvuti, ġa la darba jiskadi l-kuntratt, u toħrog sejħa ġdida ta' kwotazzjonijiet bi *specifications* ċari mgħamula mill-Kunsill.

Hawn ġie mistieden fil-laqgħa is-Sur Joe Attard ta' GreenMT. Fejn tqajjmet mal-ewwel il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ħlas tal-miżati.

Is-Sur Attard spjega kemm jinġabar skart, u hawn jinġabar ammont sostanzjali sew, iżda xorta hawn fejn isir titjib. Is-Sur Attard qed jara li jinżammu l-jumejn ġbir hawn fil-ġimgha, u darba fix-xahar tal-hġieġ.

Is-Sindku saqsa jekk hux qed jintrebħu premji fil-lokalita għal min jirriċikla. Is-SurAttard qal li Ta' Xbiex għadu ma rebah hadd. Is-Sindku saqsa kif għadu ma ġie hadd f'sena u nofs. Is-Sur Attard qal din bdiet tlett xhur ilu f'diversi lokalitajiet, u filfatt għadu ma ġie ħadd f'Ta' Xbiex.

Is-Sur Attard qal li l-*commitments* finanzjarji ser iżżommom. L-ewwel nibdew billi naqblu fuq l-ammont dovut ta' Eur4290 sa' tmiem Ottubru 2014. Is-Sur Attard qal li ħa jħallas Eur2000 sal-ġimgħa sussegwenti u d-differenza sal-aħħar tas-sena 2014.

Is-Sindku qal li kien dispjaċut li malli laħaq kellu l-inkwiet bit-tindif tal-*underground bring in site*. Is-Sur Attard qal li meta sar il-ftehim, dik il-bring in site ma kienetx teżisti, għamila il-Gvern Ċentrali wara, u għaldaqstant ma kienetx responsabbilta ta' Green MT. Xorta waħda, iżda, issa qegħda tiġi *serviced* minn GreenMT.

## 3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku qal li G Muscat ġab kwotazzjoni ta' €200 għall 200 persuna għall-attivita tal-Kunsill. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier Muscat.

-

- Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li jinħareġ *tender* għal servizz ta' avukat. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega kif dan it-tender jopera fil-lokalita Tas-Sliema, b'sistema ta' *retainer* baxx u fejn hemm xi każ speċjali, bħall-appell ta' tender, jitqabbad avukat speċjalizżat.

  G Muscat jibża li b'retainer jaf jiġi għali peress li f'Ta' Xbiex ma hawnx ħafna xogħol. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar li m'hemmx għalfejn tintgħażel offerta għalja, u li fl-istess ħin jista jinkiteb artikolu fit-tender fejn jiġi stabbilit *benchmark* ta' ħlas.

  Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li jinħareg tender b'*retainer*. Il-Kunsill qabel, u jkun hemm *benchmark* ta' viċin €1500 fuq tlett snin.

  Is-Sindku qal li aħna *insured* mal-SMS fuq din il-kwistjoni, u biex nifthu *claim*, l-*access* huwa ta' €1000. Is-Sindku qal li wasalna għall-aħħar proposta illi jaċċetaw il-*claim*, u l-SMS għamluha ċara li din ser tintilef jekk nidħlu l-Qorti peress l-ELMO għandhom provi biżżejjed li ħa jerbħuha.

  Is-Sindku qal li l-Kunsill ma fetaħx *claim* mal-ewwel u allura tlifna iż-żmien li ngħamlu *claim*. L-ispejjes totali huma ta' €1800. SMS insurance qed joffru €1000 bħala ex grazzja payment.

  Il-Kunsill qabel li ssir l-aħħar verifika mal-insurance tal-Kunsill, u jekk joffru li jitħallas l-*access* ta' €1000, dan jinfetaħ u b'hekk inkunu imxejna fuq il-parir tal-insurance.

- Is-Sindku saqsa meta ser issir id-Dinner Dance. T Catelletti issuġġerixxa l-10 ta' Jannar 2015. Il-Kunsill qabel.

## 4 Approvazzjoni tal-Pagamenti

- A Micallef qalet li l-iskrivana li giet mil-MITA ħa titħallas kollox mill-Gvern Ċentrali, u ħa nieħdu *full refund*.
- A Micallef qalet li l-kuntrattur Mallia taw €150 *discount* fuq il-kont ta' €900, u irid jitħallas kollox, għax inkella ma jkomplix jaħdem. Il-Kunsill approva l-pagament.
- Il-Kunsilliera raw il-lista ta pagamenti.
- Il-Kunsill qabel li naraw fejn nistgħu inbiddlu bozzoz, u fejn jinqata jibdew isiru LED.
- Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti tal-kontijiet. Il-lista giet iffirmata.

## 5 Rapport mill-Kunsilliera

**T Castelletti** – Il-Kunsillier semma li l-Malta Arts Festival ma isirx fl-istess żmien ta' Jum Ta' Xbiex. Hu irid permess mill-Kunsill biex il-*function* ma tkunx parti min Jum Ta' Xbiex, biex nieħdu vantaġġ kemm jista jkun mill-fondi tal-kultura. Il-Kunsill qabel.

- Il-funtana u s-*soft areas* hemm bżonn intarġuhom bil-ħamrija, għax qed jinħela l-ilma tat-tisqija. Faċċata ta' Block E qed jinħela ħafna ilma. Is-Sindku qal li tal-ELC għandhom jtuna parir.
- Saqsa l-għala z-*zebra crossing* ta' Triq il-Prinċipessa Margerita għadu ma sarx id-dawl? Is-Sindku qal li min meta ltqajna ma' Smart Light Systems, bqajna miegħu li jtina specifications biex nsaqsu lil TM. Is-Sindku qal li waslulu l-bieraħ, u għaddihom lil TM.
- Il-bins tax-Xatt għadhom ma inbidlux. Tneħħew il-bins li kien għamel il-Kunsill, u għadhom ma għamlux *replacement* sal-bieraħ. Is-Sindku qal li ra l-ġodda mwaħħlin. Jista jkun li insterqu.
- Qal ukoll li rridu nibdew naħdmu fuq id-divoluzzjoni tax-xelters.

**G Muscat** – Tkellem dwar l-attivita 'Kick with the Cops', b'nefqa totali ta' €200. Il-Kunsill approva.

**Sindku** – Fi TriqTestaferrata hemm xi karozzi bil-karti sofor, u l-Pulizija għadhom ma ġibduhomx. Qal ukoll biex ir-Reġjun jaraw iż-żewġ naħat ta' Triq Testaferrata u mhux naħa waħda biss.

## 8 Aġġornament

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.15pm ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014.

Max Żammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv